

32006H0576

L 229/7

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.8.2006

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Awwissu 2006

dwar il-preżenza tad-Deoxynivalenol, zearalenone, Ochratoxin A, T-2 u HT-2 u l-fumonisin fil-prodotti maħsuba għall-għalf ta' l-annimali

(Test b'relevanza ŻEE)

(2006/576/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 211 tiegħu,

Billi,

- (1) Fuq rikjesta tal-Kummissjoni l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel (EFSA) adottat opinjoni dwar il-mikotossini *Deoxynivalenol* fit-2 ta' Ġunju 2004 ⁽¹⁾ *zearalenone* fit-28 Lulju 2004 ⁽²⁾ *Ochratoxin A* fit-22 ta' Settembru 2004 ⁽³⁾ u l-*fumonisin* fit-22 ta' Ġunju 2005 ⁽⁴⁾.
- (2) Dawk l-opinjoni jikkonkludew li l-erba' mikotossini juru effetti tossiċi f'ħafna speċi ta' annimali. *Deoxynivalenol*, *zearalenone* u *fumonisin* B1 u B2 jiġu trasferiti biss sa ċertu punt mill-għalf għal ġewwa l-l-laħam, il-bajd u l-ħalib u għalhekk l-ikel li joriġina mill-annimali jikkontribwixxi biss marġinalment għall-esponiment tal-bniedem għal dawn it-tossini. *Ochratoxin A* jista' jiġi trasferit mill-għalf għal ġewwa ikel li joriġina mill-annimali iżda l-valutazzjoni ta' l-esponiment tindika li l-ikel li joriġina mill-annimali jikkontribwixxi biss sa ċertu ammont żgħir għall-esponiment fid-dieta umana ta' l-*Ochratoxin A*.
- (3) Data dwar il-preżenza tat-tossini T-2 u HT-2 fil-prodotti maħsuba għall-għalf ta' l-annimali huma limitati ħafna għal issa. Hemm ukoll bżonn urġenti għall-iżvilupp u l-validazzjoni ta' metodu ta' analiżi sensitiv. Madanakollu hemm indikazzjonijiet li l-preżenza ta' T-2 u HT-2 fil-prodotti maħsuba għall-għalf ta' l-annimali jistgħu ikunu raġuni ta' tħassib. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żvilup-

pat metodu ta' analiżi sensitiv, tinġabar iktar data ta' l-okkorrenza, u jsiru iktar investigazzjonijiet u riċerka fil-fatturi involuti fil-preżenza ta' T-2 u HT-2 fiċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali, partikolarment fil-ħafur u l-prodotti tal-ħafur.

- (4) Bil-konsiderazzjoni tal-konklużjonijiet ta' l-opinjoni jiet xjentifiċi li jissemmew fil-premessa 1, u n-nuqqas ta' data ta' affidabbli dwar it-tossini T-2 u HT-2, flimkien mal-varjazzjoni kbira bejn sena u oħra fl-okkorrenza ta' dawn il-mikotossini, huwa xieraq li tinġabar iktar data dwar dawn il-mikotossini fl-għalf ta' l-annimali differenti u fl-oġġetti ta' l-għalf, flimkien mad-data li hija diha disponibbli mill-programmi ta' kontroll koordinati għall-2002 ⁽⁵⁾, l-2004 ⁽⁶⁾ u l-2005 ⁽⁷⁾.
- (5) Huwa xieraq li jiġu rrakkomandati valuri ta' gwida, biex l-Istati Membri jiġu provisti bl-orjentazzjoni dwar l-aċċettabbiltà taċ-ċereali u tal-prodotti taċ-ċereali u ta' l-għalf kompost għall-għalf ta' l-annimali u biex jiġu evitati disparitajiet fil-valuri aċċettati minn Stati Membri differenti u r-riskju konsegwenti ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni;
- (6) L-Istati Membri għandhom japplikaw biss il-valuri ta' gwida għall-fumosini B1 + B2 mill-1 ta' Ottubru 2007, sabiex dawn jikkoinċidu mar-regoli stipolati mir-Regolament (KE) Nru 856/2005 tas-6 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 fir-rigward tat-tossini tal-*Fusarium* ⁽⁸⁾ li jemenda r-Regolament (KE) 466/2001 tat-8 ta' Marzu 2001 li jistipola l-livelli massimi għal ċerti aġenti ta' kontaminazzjoni fl-oġġetti ta' l-ikel ⁽⁹⁾.
- (7) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/214/KE tat-12 ta' Marzu 2002 dwar programmi ta' spezzjoni kordinati fil-kamp tan-nutrimenti ta' l-annimali għas-senna 2002 skond id-Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE (ĠU L 70, 13.3.2002, p. 20).
- (8) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/163/KE tas-17 ta' Frar 2004 dwar programmi ta' spezzjoni kordinati fil-kamp tan-nutrimenti ta' l-annimali għas-senna 2004 skond id-Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE (ĠU L 52, 21.2.2004, p. 70).
- (9) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/187/KE tat-2 ta' Marzu 2005 dwar programmi ta' spezzjoni kordinati fil-kamp tan-nutrimenti ta' l-annimali għas-senna 2005 skond id-Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE (ĠU L 62, 9.3.2005, p. 22).
- (8) ĠU L 143, 7.6.2005, p. 3.
- (9) ĠU L 77, 16.3.2001, p. 1.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata mad-*deoxynivalenol* bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf għall-annimali adottata fit-2 ta' Ġunju 2004. http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/478/opinion05_contam_ej73_deoxynivalenol_v2_en1.pdf

⁽²⁾ Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata mad-*zearalenone* bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf għall-annimali adottata fit-28 ta' Lulju 2004. http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/527/opinion_contam06_ej89_zearalenone_v3_en1.pdf

⁽³⁾ Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata ma' l-*ochratoxin A* bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf għall-annimali adottata fit-22 ta' Settembru 2004. http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/645/opinion_contam09_ej101_ochratoxina_en1.pdf

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar aġenti ta' kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel (EFSA) fuq talba tal-Kummissjoni relatata mad-*fumonisin* bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf għall-annimali adottata fit-22 ta' Ġunju 2005. http://www.efsa.eu.int/science/contam/contam_opinions/1037/contam_op_ej235_fumonisin_en1.pdf

- (7) Għandu jsir valutazzjoni dwar dan l-avviċinament previst min din ir-Rakkomandazzjoni, fl-2009 b'mod partikolari l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-protezzjoni ta' saħħet l-annimali. Id-data ta' monitoraġġ miksuba b'riżultat ta' din ir-Rakkomandazzjoni għandha tagħti wkoll is-setgħa għall-konozzenza aħjar tal-varjanza ta' kull sena u l-preżenza ta' dawn il-mikotossini fil-firxa ampja ta' prodotti sekondarji użati fl-għalf, li hija ta' importanza primordjali fit-teħid, jekk ikun neċessarju, ta' miżuri legalizzattivi.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

- (1) L-Istati Membri għandhom, bl-involvement ta' l-operaturi tal-kummerċ ta' l-għalf, isaħħu l-monitoraġġ għall-preżenza tad-*deoxynivalenol*, *zearalenone*, *ochratoxin A* u *fumonisin B1* +B2, tossini T-2 u HT-2 fiċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali maħsuba għall-għalf ta' l-annimali u ta' l-oġġetti ta' l-għalf komposti.
- (2) L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-kampjuni jiġu analizzati simultanjament għall-preżenza tad-*deoxynivalenol*, *zearalenone*, *ochratoxin A*, *fumonisin B1* +B2 u t-tossini T-2 u HT-2 sabiex tkun tista' ssir il-valutazzjoni ta' kemm hija possibbli li seħħ il-ko-okkorrenza.
- (3) L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-preżenza tal-mikotossini fil-prodotti sekondarji jew fil-prodotti li huma assoċjati mill-produzzjoni ta' l-ikel maħsuba għall-għalf ta' l-annimali.
- (4) L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li r-riżultati analitiċi jiġu pprovduti fuq bażi regolari lill-Kummissjoni għall-kompilazzjoni f'database waħda.

- (5) L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-valuri gwida, kif inhum stipolati fl-Anness, jiġu applikati għall-ġudikazzjoni ta' l-għalf kompost u taċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali għall-għalf ta' l-annimali. Fir-rigward tal-fumosins B1 + B2, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-valuri gwida mill-1 ta' Ottubru 2007.

- (6) L-Istati Membri għandhom jaċċertaw, b'mod partikolari, li l-operaturi fil-kummerċ ta' l-għalf jużaw fis-sistema ta' l-ġhoti tal-punti għall-analiżi tal-perikoli u tal-kontroll tagħhom (HACCP) ⁽¹⁾ il-valuri gwida li jissemmew fil-punt 5 sabiex isiru jafu l-limiti kritiċi f'ċerti punti ta' kontroll kritiku li jisseparaw l-aċċettabbli mill-inaċċettabbli, għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tal-perikoli identifikati.

Fl-applikar ta' dawn il-valuri gwida, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-fatt li l-valuri gwida għaċ-ċereali u għall-prodotti taċ-ċereali huma magħrufa għall-ispeċi ta' l-annimali l-iktar tolleranti u b'hekk għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-ogħla valuri gwida.

Għall-għalf ta' l-annimali l-iktar sensittivi, l-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-valuri gwida l-iktar baxxi għaċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali huma applikati mill-manufatturi ta' l-għalf bil-konsiderazzjoni tas-sensittività ta' l-ispeċi ta' l-annimali u b'hekk jippermettu l-konformità mal-valuri gwida li ġew osservati għall-għalf kompost għal dawn l-ispeċi ta' l-annimali.

Magħmul fi Brussell, nhar is-17 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Regolamento (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ĠU L 35, 8.2.2003, p. 1.

ANNEX

Mikotossini	Prodotti intenzjonati għall-għalf għall-bhejjem	Valuri Gwida fi mg/kg (ppm) li huma relattivi għal oġġetti ta' l-għalf b' kontenut ta' umdità ta' 12 %
Deoxynivalenol	Materjali għall-għalf (*)	
	– Ċereali u prodotti taċ-ċereali (**) bl-eċċezzjoni tal-prodotti sekondarji tal-qamħirrun	8
	– Prodotti sekondarji tal-qamħirrun	12
	Oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti bl-eċċezzjoni ta'	5
	– oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti għall-ħnieżer	0,9
	– oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti għall-għoġġiela (< 4 xhur), ħrief u gidjien	2
Zearalenone	Materjali għall-għalf (*)	
	– Ċereali u prodotti taċ-ċereali (**) bl-eċċezzjoni tal-prodotti sekondarji tal-qamħirrun	2
	– Prodotti sekondarji tal-qamħirrun	3
	Oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti	
	– Oġġetti ta' l-għalf kompluti u kumplimentarji għall-majjalini u ħnieżer femminili żgħar	0,1
	– Oġġetti ta' l-għalf kompluti u kumplimentarji għall-majjalini u ħnieżer femminili għat-tismin	0,25
Ochratoxin A	Materjali għall-għalf (*)	
	– Ċereali u prodotti taċ-ċereali (**) Oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti	0,25
	– Oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti għall-ħnieżer	0,05
	– Oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti għat-tjur	0,1
Fumonisin B1+B2	Materjali għall-għalf (*)	
	– qamħirrun u prodotti tal-qamħirrun (***)	60
	Oġġetti ta' l-għalf kumplimentarji u kompluti għall:	
	– ħnieżer, żwiemel (<i>Equidae</i>), fniek u annimali domestiċi pets	5
	– ħut	10
	– tjur, għoġġiela (< 4 xhur), ħrief u gidjien	20
	– bhejjem li jixtarru (> 4 months) u l-mink	50

(*) attenzjoni partikolari għandha tingħata liċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali li jingħataw dirtettament lill-annimali li l-użu tagħhom f'razzjoni ta' kuljum m'għandux ikun tali li jwassal li l-annimal ikun espost għal-livell ogħla ta' dawn il-mikotossini mil-livelli korrispondenti ta' esponiment meta l-oġġetti ta' l-għalf kompluti biss jintużaw fir-razzjoni ta' kuljum.

(**) It-terminu "Ċereali u prodotti taċ-ċereali" jinkludi mhux biss il-materjali ta' l-għalf elenkati skond it-titolu 1 "Qmuħ taċ-Ċereali, il-prodotti tagħhom u l-prodotti sekondarji tagħhom" tal-lista mhux esklussiva ta' materjali ta' l-għalf ewlenin li jissemmew fil-parti B ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE tad-29 ta' April 1996 dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' l-użu ta' materjali għall-għalf iżda wkoll materjali għall-għalf ĠU L 125, 23.5.1996, p. 35. oħrajn derivati minn ċereali b'mod partikolari fl-għalf tal-bhejjem u taż-żwiemel taċ-ċereali u ikel li ma jiġix diġeriti (*roughages*) iċ-ċereali

(***) It-terminu "Qamħirrun u prodotti tal-qamħirrun" jinkludi mhux biss il-materjali ta' l-għalf derivati mill-qamhqirrun elenkati skond it-titolu 1 "Qmuħ taċ-Ċereali, il-prodotti tagħhom u l-prodotti sekondarji tagħhom" tal-lista mhux esklussiva ta' materjali ta' l-għalf ewlenin li jissemmew fil-parti B ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE iżda wkoll materjali għall-għalf oħrajn derivati minn qamhqirrun b'mod partikolari fl-għalf tal-bhejjem u taż-żwiemel tal-qamħirrun u ikel li ma jiġix diġeriti (*roughages*) tal-qamhqirrun